MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1496/2005

**GasanMamo Insurance Limited – C -3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Ronald Abela ID 479265M u l-istess Ronald Abela ID 479265M**

**Vs**

**Robert Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundanat ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u centezmu (Lm388.01), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-16 ta' Settembru 2005, la fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2005, la f'dik tal-15 ta' Novembru 2005 u lanqas f'dik tas-17 ta' Jannar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u tmienja u tmenin Liri Maltin u centezmu (Lm388.01), bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta' l-Avviz u bl-ispejjez ta' dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------